DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Frar 2010

li tistabbilixxi l-klassijiet tar-reazzjonijiet għan-nar ta' ċerti prodotti għall-bini fir-rigward ta' kolla għall-madum taċ-ċeramika

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 382)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/81/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 20(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 89/106/KEE tipprevedi li biex jiġu kkunsidrati l-livelli differenti ta' ħarsien għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, jista' jkun meħtieġ li fid-dokumenti interpretattivi jiġu stabbiliti klassijiet li jikkorrispondu mar-reazzjonijiet tal-prodotti fir-rigward ta' kull rekwiżit essenzjali. Dawn id-dokumenti ġew ippubblikati bħala l-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tad-dokumenti interpretattivi tad-Direttiva 89/106/KEE [2]."

(2) Fir-rigward tar-rekwiżit essenzjali għas-sikurezza f'każ ta' nar, id-dokument interpretattiv Nru 2 jelenka għadd ta' miżuri interrelatati li flimkien jagħtu definizzjoni tal-istrateġija tas-sikurezza kontra n-nar li se tiġi żviluppata b'modi differenti fl-Istati Membri.

(3) Id-Dokument Interpretattiv Nru 2 jidentifika waħda minn dawk il-miżuri bħala l-limitazzjoni tal-bidu u l-firxa tan-nar u d-duħħan f' żona partikolari billi jiġi limitat il-potenzjal tal-prodotti tal-bibi li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sħiħ tan-nirien.

(4) Il-livell ta' din il-limitazzjoni jista' jiġi espress biss f' termini tal-livelli differenti ta' reazzjoni għan-nar tal-prodotti fl-applikazzjoni aħħarija tagħhom.

(5) Għal soluzzjoni armonizzata, ġiet adottata sistema ta' klassijiet bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/147/KE tat-8 ta' Frar 2000 li timplementa d-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward tal-klassifikazzjoni tar-reazzjoni għan-nar tal-prodotti tal-bini [3].

(6) Fil-każ tal-kolla għall-madum taċ-ċeramika, jinħtieġ tintuża l-klassifikazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni 2000/147/KE.

(7) Ir-reazzjoni għan-nar ta' ħafna mill-prodotti u/jew materjali tal-bini, fil-klassifikazzjoni prevista fid-Deċiżjoni 2000/147/KE, hija stabbilita sewwa u magħrufa biżżejjed mir-regolaturi tan-nirien fl-Istati Membri, tant li ma jeħtieġu l-ebda test għal din il-karatteristika partikolari.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-prodotti u/jew il-materjali tal-bini li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-karatteristika "reazzjoni għan-nar" mingħajr ħtieġa ta' aktar testijiet huma elenkati fl-Anness.

Artikolu 2

Il-klassijiet speċifiċi li għandhom jiġu applikati lil prodotti u/jew materjali differenti tal-bini, fil-klassifikazzjoni tar-reazzjonijiet għan-nar adottata fid-Deċiżjoni 2000/147/KE, huma stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 40, 11.2.1989, p. 12.
[2] ĠU C 62, 28.2.1994, p. 1.
[3] ĠU L 50, 23.2.2000, p. 14.

Artikolu 3

Il-prodotti għandhom jiġu kkunsidrati f'rabta mal-applikazzjoni tal-użu aħħari tagħhom, fejn rilevanti.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Frar 2010.

Għall-Kummissjoni
Günter VERHEUGEN
Viċi President

ANNESS

It-tabella f'dan l-Anness telenka prodotti u/jew materjali għall-bini li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-karatteristika "reazzjoni għan-nar" mingħajr ħtieġa ta' testijiet.

Tabella:

klassijiet ta'"reazzjoni għan-nar" għall-kolla għall-madum taċ-ċeramika

Prodott [1]	Kontenut organiku (% skont il-piż)	Ħxuna massima tas-saff (mm)	Klassi [2]
Kolla bis-siment konformi ma' EN 12004	< 20	20	E
Kolla tad-dispersjoni konformi ma' EN 12004	< 40	5	
Kolla bir-reżina reattiva konformi ma' EN 12004	< 50	5	

[1] Immuntat fuq kull sottostrat ta' mill-inqas il-klassi D-s2,d0 u b'densità ta' ≥ 680 kg/m^3.
[2] Il-klassi kif prevista fit-Tabella 1 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2000/147/KE.